RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 06**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Gimgha 11 ta' Frar 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Introduzzjoni**

Is-Sindku Sandro Craus fetah il-laqgha billi appella lill-membri kollha biex izommu l-kalma ghax ma jaghmilx gieh la ghall-Kunsill u lanqas ghall-Kumitat Amministrattiv. Kulhadd ghandu opinjoni u ghaldaqstant, huwa importanti hafna li d-diskussjonijiet isiru b'mod civili. Dan ghamlu b'riferiment ghal-laqgha mqanqla A05 li saret fil-21 ta' Jannar 2011.

Huwa kompla jitkellem dwar il-progett ta' access ghal tal-Virtu. Jekk il-Kumitat Amministrattiv se japplika ghal Full Development Application, kif qed tesigi l-MEPA, ix-xoghol se jaqa` lura b'diversi xhur. Huwa ta' l-opinjoni li peress li mhux ser isir thaffir izda xoghol ta' tqaxxir tal-wicc tal-bankina biss, se jitkellem dwar din l-applikazzjoni mac-Chairperson tal-MEPA, s-Sur Austin Walker waqt laqgha li ser ikollu mieghu fit-22 ta' Frar 2011.

Dwar il-protest gudizzjarju, huwa sahaq li l-Kunsill irid jimxi mal-ligi u peress li l-Kunsill ghamel zmien minghajr Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill ma setghax jiltaqa` f'dak il-perjodu u ghaldaqstant, il-protest gudizzjarju ma setghax jigi approvat.

Ic-Chairperson Lino Pace Bonello qasam is-sentimenti tieghu mas-Sindku. Huwa qal li fil-passat, xi whud mir-residenti ghaddew kummenti ngusti li pogga lill-Kumitat Amministrattiv f'dawl ikrah peress li r-residenti sostnew li l-KA kien inefficcjenti fuq il-kwistjoni tas-Seminarju. Waqt laqgha tar-residenti kien hemm anke gesti insulenti fil-konfront tal-KA, meta l-KA kien il-hin kollu qed jaqdi dmiru. Sahansitra fid-draft protest gudizzjarju il-KA gie imwarrab, peress li ssemmew



KUNSILL LOKALI RABAT
8, TRIQ L-ISPTAR, RABAT RBT 12, MALTA
Tel: (356) 21455000 Fax: (356) 21451945
e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

biss il-Kunsill u l-Ghaqda Residenti tal-Virtu biss u l-KA ma tnizzel imkien.

Ic-Chairperson Pace Bonello kompla bl-agenda tal-laqgha.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti A05**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 05 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti A05

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A05**

2.01 Is-Sur Lino Pace Bonello innota li s-sezzjoni tal-membri prezenti ghal-laqgha ghandha ssirilha din il-korrezzjoni:

"Is-Sna Cecilia Bonello (Skuzata) u s-Sna Stephania Gatt (Prezenti)."

2.02 Is-Sur Christopher Farrugia innota li l-minuta numru 4.01 ghanda tinbidel hekk kif gej: Korrezzjoni tal-minuta 4.01

"Is-Sur Christopher Farrugia aggorna lill-Kumitat dwar xi zviluppi fuq din il-materja. Huwa qal li l-Kumitat kien ghadda rizoluzzjoni fis-26 ta' Novembru 2010. Fid-29 ta' Dicembru 2010, il-Kumitat flimkien, u bil-miktub, kien qabel fuq tibdil fil-kontenut tal-protest gudizzjarju, li gie formulat fuq pariri tan-Nutar Dr. Robert Micallef li hu Kunsillier fil-Kunsill Lokali tar-Rabat, biex dan ikollu sahha legali akbar.

Dan sehh wara li l-Ghaqda Residenti ARCASSE iltaqghu mal-Kunsill u s-Sindku ppropona lin-Nutar Micallef biex jagixxi f'isem il-Kunsill u r-residenti f'dan il-kuntest u li dan wassal biex il-protest ikollu sahha legali akbar."

2.03 Is-Sur Lino Pace Bonello nnota li l-minuta numru 4.06 ghandha tinbidel u minnflok jigi l-kliem: Korrezzjoni tal-minuta 4.06

"Is-Sur Lino Pace Bonello, filwaqt li fakkar li ma sar l-ebda studju fuq l-impatt li t-traffiku zejjed ser ihalli fuq iz-zona, qal li Triq Francesco Azopardi hija triq wiesgha li fil-passat kienet mahsuba li tinghaqad f'linja dritta mar-roundabout ta' Haz-Zebbug. Din kienet mahsuba sabiex ittaffi xi ftit mill-volum tat-traffiku li kien ser jiggenera mill-ftuh tal-Lukanda Verdala. Li kieku din it-triq tinfetah u tigi tinfed, tkun tista` tiflah ghal dan il-volum gdid ta' traffiku.

Izda li fuq nota inqas pozittiva, ic-Chairperson qal li din tista` twassal ukoll ghal volum aktar tat-traffiku fiz-zona tal-Virtu fil-hinijiet u l-granet kollha ta' matul is-

sena."

2.04 Is-Sur Christopher Farrugia nnota li l-minuta numru 4.07 ghandha tinbidel u minnflok jigi l-kliem: Korrezzjoni tal-minuta 4.07

"Is-Sur Christopher Farrugia qal li hemm ukoll triq fejn is-Seminarju li tista` tiehu ftit mit-traffiku addizzjonali li ser jidhol fl-akwati tas-Seminarju. Huwa kompla billi qal illi anke analizi preliminarja tad-demografija f'Malta turi li mhux qed jitwieldu dawk l-ammonti kbar ta' trabi li turi l-htiega ta' aktar skejjel primarji u dan meta l-gvern qed jimxi billi jiftah kullegg kull sena u allura ser taghlaq skola primarja fir-Rabat, u allura l-htiega ta' skola primarja tal-knisja m'huwiex daqshekk mehtieg"

2.05 Is-Sur Pace Bonello nnota zball ortografiku f'minuta 6.01. Il-kelma "karma" ghandha tigi taqra "kamra".

**3.00 Punti Mqajjma**

3.01 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Kumitat Amministrattiv. Punti Mqajma

**4.00 Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' Skola gewwa s-Seminarju (PA 00498/10)**

4.01 Is-Sindku Sandro Craus informa l-membri tal-kumitat li lill-Kunsilliera ntbaghtilhom ir-rapport ta' l-Awditur sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Zvilupp dwar il-progett ta' bini ta' skola gewwa s-Seminarju

Huwa qal li waqt il-laqgha li ser ikollu mac-Chairman tal-MEPA, s-Sur Austin Walker, huwa se jitkellem dwar id-decizjoni tal-Kumitat Amministrattiv u tal-Kunsill u se jitlob il-kummenti tieghu dwar dan il-kaz.

Huwa kompla billi sahaq li personalment ma jabqilx li ghandu jsir protest gudizzjarju iehor f'isem il-Kunsill peress li diga` sar wiehed b'sahhtu mill-Ghaqda tar-Residenti. Huwa ta l-ideja li l-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv jappoggjaw bis-shih dan il-protest gudizzjarju.

Filfatt, waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss huwa se jipproponi li ssir konferenza stampa fejn isir appell lill-MEPA sabiex twiegeb.

Huwa kompla billi qal li jekk il-KA u l-Kunsill Lokali jaqblu li ghandu jsir protest gudizzjarju iehor, huwa mhux se jopponi. L-importanti li jkun hemm qbil bejn il-partijiet kollha. Huwa se jipproponi wkoll li ghandha tintbghat ittra konginta bejn il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv* fejn nispjegaw lill-Ghaqda tar-Residenti tal-Virtu li minhabba l-fatt li l-Kunsill fiz-zmien li kellu johrog il-protest gudizzjarju kien minghajr Segretarju Ezekuttiv,* dan il-protest ma setax isir mill-Kunsill, pero` jaqbel bis-shih mieghu u qed jappoggjawh. Nispjegawlhom ukoll li bhalissa l-

* ghalkemm kien hemm Matthew Dimech Segretarju Ezekuttiv tal-Imsida bhala agent segretarju,

Kunsill jinsab f'qaghda cara peress li ghandu Deputat Segretarju Ezekuttiv. Huwa ppropona wkoll li l-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv u l-Ghaqda Residenti tal-Virtu ghandhom isejhu konferenza stampa sabiex jappoggjaw il-protest gudizzjarju.

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia qabel li ghandha ssir konferenza stampa u jabel li l-gruppi kollha ghandhom ikunu nvoluti waqt din il-konferenza stampa. Huwa ppropona li ghandhom jigu mistiedna r-residenti wkoll. Is-Sur Farrugia ipprezenta fuq il-mejda abbozz ghall-Istqarrija ghall-Istampa li jinsab anness ma dawn il-minuti.

4.03 Il-Profs. Anthony Grixti Soler sahaq li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jkun prattiku fid-decizjoni tieghu. Huwa personali jixtieq li jieqaf il-progett, pero` ma jahsibx li se jieqaf. Ghalhekk huwa ta' l-opinjoni li l-Kumitat ghandu jikkoncentra aktar dwar kif se tigi imtaffija l-problema tat-traffiku.

4.04 Is-Sna. Stephania Gatt thoss li konferenza stampa taghmel aktar effett.

4.05 Is-Sur Lino Pace Bonello sahaq li bhal ma hawn min ma jixtieqx li dan il-progett jitkompla, hawn min ma jopponix li tinbena skola primarja tal-knisja gewwa s-Seminarju u li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jaghti attenzjoni ghal kummenti tar-residenti, sew jekk ikunu pozittivi kif ukoll negattivi.

4.06 Is-Sindku Sandro Craus ikkummenta dwar il-fatt li l-iskola ta' Sant'Agatha ukoll qed isir zvilupp fiha u li r-residenti ta' l-inhawi ta' Sant'Agatha mhux qed joggezzjonaw ghal dan il-progett. Huwa veru wkoll li l-izvilupp fl-iskola ta' Sant'Agatha huwa izghar mill-izvilupp li qed isir f'tal-Virtu`.

4.07 Is-Sna. Cecilia Bonello kummentat dwar meta kien hemm l-iskola tas-St. Dorothy's b'mod temporanju f'Tal-Virtu` sakemm inbniet dik ta' Haz-Zebbug. F'dak il-perjodu, kien hemm kongestjoni kbira ta' traffiku fi Triq Godwin Ganado. Illum il-gurnata dawk il-kmamar li kienu jservu ghall-iskola tas-St.Dorothy's jinsabu vojta.

4.08 Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar l-aspett legali. L-ideja hi li l-ewwel nhallu li jigu ezawriti l-aspetti legali kollha biex b'hekk inkunu nistghu nifthu appell f'The Hague. F'dan l-istajdu, din hija biss ipotesi. Pero` l-pass ta' wara jkun xi forma ta' appell il-qorti. Sa issa hemm l-Ombudsman, il-protest gudizzjarju u r-rapport ta' l-awditur. Meta l-partijiet ma jwiegbux, il-qorti tiehu konjizzjoni kontrihom.

4.09 Is-Sindku Sandro Craus jhoss li l-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv kellhom jigu kkonsultati qabel ma beda dan il-progett sabiex jaghtu l-kummenti taghhom dwar l-impatt li se jkollu l-progett fuq il-lokal u r-residenti. Huwa kompla billi qal li hemm bzonn li nkunu realistici peress li hemm tlett istutizzjonijiet b'sahhithom

involuti f'dan il-progett li huma l-MEPA, l-Knisja u l-Gvern.

4.10 Il-Profs. Grixti Soler tkellem dwar l-importanza li ssir enfasi sabiex Triq Gorg Borg Olivier terga` tigi one way u Vjal il-Haddiem titranga.

4.11 Is-Sindku Sandro Craus qal li l-Kunsill qed jaghmel pressjoni fuq it-Transport Malta sabiex Vjal il-Haddiem tinbena mill-gdid.

4.12 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-importanti li jkun hemm cirkolazzjoni shiha tat-traffiku.

**5.00 Zviluppi fil-progett ta' access ghal tal-Virtu` (Memo 094/2010)**

5.01 Is-Sindku Sandro Craus informa lill-membri li kull progett li jembarka fuqu l-Kunsill Lokali trid issirlu Full Development Application mal-MEPA. Gieli applikazzjoni bhal din tiehu sena biex tohrog. Ghaldaqstant, fil-laqgha li se jkollu mac-Chairman tal-MEPA se jkellmu dwar dan il-fatt, fejn f'certu kazijiet m'hemmx il-htiega ta' Full Development Application. Dan peress li s-Sovrattendenza tal-Wirt Nazzjonali tohrog il-permessi mehtiega bil-kundizzjoni li l-Kunsill Lokali jkollu monitor jissorvelja x-xogholijiet ta' skavar.

Zvilupp fil-progett ta' access ghal tal-Virtu

5.02 Ic-Chairperson Lino Pace Bonello rrimarka li l-bankina li ser issir ser isirilha xoghol ta' 'concreting' biss. Irrimarka wkoll li l-Korporazzjoni Enemalta haffret kanal ta' zewg piedi fond f'din l-istess triq.

5.03 Ic-Chairperson Lino Pace Bonello huwa tal-fehma li r-residenti jigu nfurmati b'dan il-progett peress li se jigu affettwati direttament. Huwa ppropona li l-pjanti jigu ezibiti ghal hmistax il-gurnata gewwa l-ufficcji amministrattivi tal-Kunsill fejn wiehed ikun jista` jigi jarahom.

**6.00 Affarijiet Ohra**

6.01 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li l-bring in sites fin-nizla tal-Buskett qed jigu abbuzati.

Bring-in-sites fin-nizla tal-Buskett

6.02 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma lill-membri li s-'sewer manholes' ta' Triq Francesco Azopardi u Triq il-Buskett saritilhom il-manutenzjoni mehtiega mill-haddiema tad-Dipartiment tad-Drenagg.

Manutentzjoni fuq is-sewer manholes

6.03 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma lill-membri li l-arblu tad-dawl perikoluz li jinsab fi Triq Francesco Azopardi ghandu jinbidel mill-Korporazzjoni Enemalta fil-jiem li gejjien.

Arblu tad-dawl perikoluz fi Triq Francesco Azopardi

6.04 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma lill-membri li l-bankina fi Triq Godwin Ganado regghet trangat ghall-istat originali taghha.

Bankina fi Triq Godwin Ganado

6.05 Is-Sur Lino Pace Bonello rrimarka li s-sigar fi Triq Guzeppi Caruana qed jaghmlu hsara kbira lill-wicc tal-bankina. Il-membri kollha qablu li ghandna niehdu l-parir tal-MEPA sabiex naraw kif se naghmlu biex dawn is-sigar jinqalghu.

Sigar fi Triq Guzeppi Caruana

7.00 **Aggornament**

7.01 Minhabba li l-Agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata ghall-Gimgha 25 ta' Frar 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

7.02 Il-laqgha spiccat fid-9.00 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**